MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Numru 978/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef-Grimaud**

**vs**

**Ruth Camilleri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Ruth Camilleri ta' 23 sena bint Rosario u Rita nee' Demanuele, imwielda Pieta' fl-1 ta' Awwissu 1987 u residenti Nru. 20 Tat-Tabija, l/o Rabat u detentrici tal-karta tal-identita' numru 341887M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fid-29 ta' Jannar 2010, gewwa l-post maghruf bhala Hornworks Ditch jew Horns jew Crownworks fil-Floriana,

ghall-habta tal-11.00AM, ttantat li thajjar ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' lil Harry Saliba, ezaminatur tas-sewqan ma' l-Awtorita' dwar it-Transport (ADT) u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 165859M biex jaghmel delitt u cioe' li tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2012 (inserita a fol. 57 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) Fl-artikolu 120(2) tal-Kodici Kriminali, (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) ;
(b) Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2013, l-imputata ddikjarat li hija m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw driving test li sar fid-29 ta' Jannar 2010 ghall-habta tal-10.00am fil-post maghruf bhala Hornworks Ditch, il-Furjana fejn l-imputata kienet il-persuna li qed tissottometti ruhha ghat-test u Harry Saliba kien l-ezaminatur. Hemm qbil li din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputata ssottomettiet ruhha ghal dan it-test izda kienet is-seba' darba ghaliex id-drabi l-ohra hija ma kinitx ghaddiet mit-test u hemm ukoll qbil li wara ftit minuti li beda' t-test dan twaqqaf hesrem mill-ezaminatur u huwa hareg mill-vettura, waqqaf vettura ohra li kienet ghaddejja u rikeb fiha u telaq minn fuq il-post u halla lill-imputata wahidha fil-vettura li biha kien qed isir it-test. Harry Saliba ftit tal-hin wara li waqqaf it-test u wara li kellem lis-

superjuri tieghu ghamel rapport mal-Pulizija[1] fejn qal li huwa kien ra lill-imputata ddahhal idejha fil-but u mill-esperjenza li kellu nterpreta dan il-gest bhala li hija kienet qed tipprova b'xi mod tikkorrompih ghaliex sa dak il-hin it-test ma kienx mar tajjeb peress li l-imputata ma setghatx tistartja l-vettura u huwa kellu jghinha sabiex taghmel dan. Il-Pulizija mbaghad interrogat lill-imputata[2] fejn hjia cahdet kategorikament dak allegat mill-ezaminatur u qalet li huwa zgur kien fehem hazin u spjegat li wara li dahlet fil-vettura u kellha diffikulta' sabiex tistartja l-istess vettura u giet mghejuna mill-ezaminatur dan tal-ahhar staqsiha x-xoghol kienet taghmel u hija rrispondietu li kienet tahdem bhala pharmacy technician u qaltlu li ma setghatx tifhem il-ghala kienet qed tehel fit-testijiet tas-sewqan meta kienet tajba f'xogholha. Fl-istqarrija hija fil-fatt spjegat hekk :-

***"Jien tlajt fil-vettura fejn l-ezaminatur stasieni x'nahdem, jiena ghidltu ma nafx kif qatt ma nghaddi mit-test meta jiena tajba f'xogholi. Jiena ghidtlu li din kienet is-7 darba li tlajt ghat test u li swietni hafna flus biex nitla ghat testijiet kif ukoll biex inhallas ghall lezzjonijiet. Jiena niftakar li ghidtlu li l-ezaminaturi kienu qed ifittxi hafna irqaqadt sabiex min jitla ghat test ma jaghddix, inkluza jiena. Dak ilhin jiena kont naqra rrabbjata u dan hassu offiz ghax ikkritikajtlu ghemilu w dan rajtu jirrabja. Dan waqqaf it-test hareg il-barra mill karozza w qal lili sabiex nohrog ukoll. Jiena perswaza li fehemni hazing bilfors biex ghamel dawn ir-reazzjonijiet. Naf lid an cempell lill learner u din giet malajr fuq il-post. Sadanittant, l-ezaminatur ra Pajero ghaddejja w ghamilla sinjal sabiex tieqafulu w dan telaq maghha. Lili hallini f'nofs it-triq wahdi mall-karozza. X'hin giet il-learner, morna fejn isiru t-testijiet. Ma kellimni hadd u tlaqna l'hemm."***

Ikkunsidrat :
Illi Harry Saliba xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi ta-28 ta' Marzu

[1] Vide okorrenza nserita fol. 5 sa 7 tal-atti processwali
[2] Stqarrija nserita a fol. 8 sa 10 tal-atti processwali.

2012 u tat-28 ta' Settembru 2012 fejn spjega li fiz-zmien in dizamina huwa kien jahdem bhala ezaminatur ma Transport Malta/ADT. Huwa gharaf lill-imputata bhala wahda mill-persuni li f'dik il-gurnata kienet marret ghat-test u li kienet assenjata mieghu. Huwa spjega li kien iltaqa' maghha fil-waiting room u qal li meta dahlu fil-vettura hija kellha problema sabiex tistartja l-vettura ghaliex ma ndunatx li kienet fuq steering lock u huwa mbaghad ghena tistartja. Ix-xhud kompla jghid li sadanittant huwa kien diga' ghamel certu analizi dwar kif kien ser imur it- test u kompla li wara li l-imputata bdiet issuq huwa raha bl-id tax-xellug fuq l-isteering wheel u l-id l-ohra fil-but tal-gakketta li kienet liebsa u
sema' hoss ta' thaxwix ta' karti. Huwa mbaghad qal hekk ***" Kif wasalna fejn il-grada, harget idejha, prezentat il-flus f'idejha. Jekk kienux tens jew fiftys ma nistax nghidlek imma kienu qishom kannella il- kulur taghhom. Ghidtilha titfa' fil-genb u tibqa' fil-karozza. Jiena hrigt mill-karozza. Sa dan it-tant staqsejtha ghan-numru tal- instructor taghha u cempiltlu u ghidtlu x'gara u ma garax. Fil-pront ghadda instructor iehor, Marco Motoring School u staqsieni xi grali, ghidtlu aghtini lift 'l hemm fuq erga. Konna morna xi 400 metru forsi u taghni lift u mort lura. Ftit wara gie Richard Attard maghruf bhala r-Rixu u qalli missierha jew nannuha jrid ikellmek. Ghidtlu jiena m'ghandix xi nghidlu. It-test mat-tifla kien, ma Ruth u s'hemm hekk wasal. Xi hin wara rega gie u ovjament lir-Rixu kont ghidtlu x'gara u ma garax u gie u qalli quddiem ezaminaturi ohra, qalli li skond hu hi qalet li l-kelma tieghu kontra taghha u spiccat l-affari hemm hekk". Harry Saliba qal li malli raha taghmel din il-mossa imputata qaltlu l-kliem 'talli ghentni'.***

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Gunju 2013 fejn ikkonfermat dak li kienet qalet fl-istqarrija u regghat spjegat li mal li dahlu fl-vettura l-ezaminatur staqsiha x-xoghol kienet taghmel u hija qaltlu kemm kienet urtata lli tal-ADT kienu qed jaqbdu mal-irqaqat sabiex hi u ohrajn ma jghaddux mit-test tas-sewqan u spjegat li hija rat lil Saliba 'jitfantas u cioe' kien vizibilment irrabjat u sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni hija

qaltlu li hija ma kinitx qed tirreferi ghalih personalment u rringrazzjatu talli kien ghena sabiex tistartja l-karozza. Hija spjegat li f'dan l-istadju l-ezaminatur waqqaf it-test hesrem minghajr ma indikalha raguni il-ghala kien qed jaghmel hekk u nizel mill-vettura u telaq minn fuq il-post ma vettura ohra li kienet ghaddejja. Ruth Camilleri qalet hekk dwar dak li gara,

***"Dif: X' fhimt dak il-hin jekk fhimt xi haga ?***
***Xhud: Ma stajtx nifhem ghal x' hiex ghamel hekk. Ippruvajt nahseb u ngib sitwazzjoni vijabbli ghal x' hiex ghamel hekk u xorta ma stajtx insib raguni valida***
***Dif: Ghaliex imma fl-isfond ?***
***Xhud: ghax jiena kull m' ghidtlu kont sinciera u bdejt nesprimi d-dispjacir tieghu u r-rabja tieghi u ma hassejtx li kellu ghalfejn jiehu ghalih ghax ma kontx qed nikkritika lilu imma s-sistema in generali kif qeghda f' Malta***
***Dif: Fil-fatt inti dwaru x' ghidtlu meta ndunajt li kien qieghed jitfantas***
***Xhud: Bdejt nghidlu li mhux qed nghid ghalih minhabba li hu kien gheni biex nistartja l-karozza. Jigifieri apprezzajt l-ghajnuna tieghu, qas l-ezaminaturi ma kont qed nikkritikalu. Imma peress li kien examiner nahseb li hassu offiz***
***Dif: Sewwa wisq. U allura meta inti qed tghidlu dan id-diskors, ghaliex ghidtulu dan id-diskors li ma kontx qed tghid ghalih, anzi hu kien ghenek, ghaliex ghidtulu lilu dan id-diskors ?***
***Xhud: Ghax rajtu li ma hax pjacir u li ha ghalih. Allura biex nipprova nikkalma s-sitwazzjoni ta' bejnietna u nurih li m' ghandi xejn personali ghalih dawwartha, fis-sens il-verita' kienet hekk. Ippruvajt nghid l-affarijiet kif inhuma biex inqas ikun hassu ddispjacut".***

L-imputata spjegat lli hija kellha l-wallet fil-handbag li kien fuq wara tal-karozza u cahdet li kellha xi flus fil-but jew li pruvat taghti l-flus lill-ezaminatur. Hija qalet ukoll li wara li giet ghaliha l-instructor marret maghha u pruvat tkellem lill-ezaminatur sabiex tara il-ghala kien waqqaf it-test

b'dak il-mod izda l-instructor qaltilha li huwa ma riedx ikellimha. L-imputata spjegat li sussegwentement hija regghat ghamlet it-test u ghaddiet izda qalet ukoll li meta regghat applikat sabiex taghmel it-test l-applikazzjoni relattiva ma gietx processata minhabba dawn il-proeduri izda wara l-intervent tal-avukat taghha hija giet infurmata li ma kien hemm ebda raguni legali li timpediha milli terga' taghmel it-test.

Ikkunsidrat :

Illi huwa pjuttost evidenti li f'dan il-kaz din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kontrastanti, u cioe' dik moghtija mill-ezaminatur u dik moghtija mill-imputata u trid ghalhekk tiddeciedi liema verzjoni temmen. Din il-Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lil dawn it-tnejn min-nies jixhdu quddiemha viva voce u setghat tara l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda jidrilha li l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli li l-fatti graw bil-mod li ddeskriviethom hi. Il-Qorti semghat ix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud[3] fejn dan spjega li meta ghamel ir-rapport Harry Saliba kien qallu li l-imputata kienet waqfet u ***"dahlet idejha fil-but tat-tracksuit jew tal-qalziet u speci kienet qisha se taqlalu xi haga fi flus. U dana r-reazzjoni tieghu kienet qallha speci ma tarax. Hareg minn gol-karozza u telaq il-karozza hemmhekk u mar jigri fuq shabu l-ohra dan ghax tgerfex qalli dawn l-affarijiet jien ma naghmilhomx."*** u mbaghad l-istess xhud qal ukoll,

***"Dif: Jekk qed nifhem tajjeb effettivament dan l-ilment telaq minn kwistjoni ta' nterpretazzjoni li kien qieghed jaghti dan id-drive tester ta' movimenti, ta' azzjonijiet***
***Xhud: Sewwa, sewwa. Ghax jiena fil-fatt kont saqsejtu ghidtlu x' gaghlek tahseb li kienet se toffrilek xi reward jew xi flus qalli ghax dawn affarijiet li jigru u qalli through experience qalli ghax hu kien jitkellem bl-Ingliz, qalli I've had this before happening***

[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2013

***qalli johorgulek xi flus bhal speci isma' ghaddini ghax l-izbalji li ghamilt forsi mhux daqshekk gravi***
***Dif: U f' dan il-kaz meta qieghed jaghmel ir-rapport lilek, huwa ma' dawn il-movimenti li ghalih kienu ha jkunu suspettuzi mal-ewwel interprettahom b' dan il-mod u qabad u hareg mill-karozza u qallha dak id-diskors li spjegajt***
***Xhud: Hekk hu, qalli speci ghax jien ma rridx naccetta li naqa' biex niehu l-flus. Imbaghad jien ergajt saqsejtu. Ergajt ghidtlu Sur Vassallo ghidtlu l-flus rajthom, qalli ma niftakarx ilhaqt rajt xi haga qalli imma gibdet xi haga mill-but. Ghidtlu forsi, ghidtlu ma naghmlux mod ghax fil-fatt niftakar hadtha bhala cajta li hsibt li kellha xi arma jew xi haga bzajt. Qalli bzajt ghax ma rridx niccappas b' dawn l-affarijiet qalli ghax dawn through experience diga' ghaddejt minnhom darb' ohra"***

Il-Qorti jidrilha li l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli li l-ezaminatur mexa' fuq impressjoni u fil-fatt ma kienx ra xejn minn dak li allega meta xehed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li anki meta xehed quddiemha setghat tikkonstata li Harry Saliba ma kienx kompletament cert minn dak li jghid li ra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------